

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Il-liġi Ta' Liema Pajjiż Tapplika?](#) > [Spain](#)

# Il-liġi ta' liema pajjiż tapplika?



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 L-għejjun tar-regoli fis-seħħ

### 1.1 Regoli nazzjonali

Ħafna mir-regoli dwar il-kunflitti tal-liġijiet jinsabu fit-Titolu Preliminari tal-Kodiċi Ċivili (I-Artikoli 9-12). Hemm ukoll dispożizzjonijiet ġuridiċi applikabbli f'xi liġijiet speċjali, bħal pereżempju, il-Liġi dwar l-Adozzjoni Internazzjonali.

### 1.2 Konvenzjonijiet internazzjonali multilaterali

Fir-rigward tal-liġi applikabbli, ir-Regolamenti tal-UE li ġejjin huma attwalment fis-seħħ fi Spanja:

- Ir-Regolament 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment
- Ir-Regolament 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I)
- Ir-Regolament 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II)
- Ir-Regolament 1259/2010 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali (Ruma III)
- Ir-Regolament 650/2012 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.
- Ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012. Applikabbli mis-16 ta' Frar 2019.

Spanja hija wkoll Stat Kontraenti għal bosta konvenzjonijiet dwar il-kunflitti tal-liġijiet. Il-konvenzjonijiet multilaterali ewlenin f'dan ir-rigward huma:

- Il-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-kunjomijiet u l-ismijiet, Munich, il-5 ta' Settembru 1980.
- Il-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment, l-infurzar u l-kooperazzjoni fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri u l-miżuri tal-protezzjoni tat-tfal, L-Aja, id-19 ta' Ottubru 1996.
- Il-Protokoll dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment, L-Aja, it-23 ta' Novembru 2007.
- Il-Konvenzjoni dwar il-kunflitti tal-liġijiet relatati mal-forma tad-dispożizzjonijiet testamentarji, L-Aja, il-5 ta' Ottubru 1961.
- Il-Konvenzjoni dwar il-Liġi Applikabbli għall-Inċidenti tat-Traffiku, L-Aja, l-4 ta' Mejju 1971.

- Il-Protokoll dwar il-liġi applikabbli għar-responsabbiltà għall-prodotti difettużi, L-Aja, it-2 ta' Ottubru 1973.

### 1.3 Konvenzjonijiet bilaterali prinċipali

Fir-rigward tal-liġi applikabbli, il-Konvenzjoni bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj dwar il-kunflitti tal-liġijiet f'materji relatati mal-manteniment tat-tfal u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ġudizzjarju u ftehimiet relatati mal-manteniment, Montevideo, l-4 ta' Novembru 1987, hija attwalment fis-seħħ.

## 2 L-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet

### 2.1 L-obbligu tal-imħallef li japplika b'inizjattiva tiegħu stess ir-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet

L-Artikolu 12.6 tal-Kodiċi Ċivili jstabbilixxi li "l-qrati u l-awtoritajiet għandhom japplikaw ex officio r-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet fil-Liġi Spanjola."

### 2.2 Rinviju dwar l-għażla ta' liġijiet

L-Artikolu 12.2 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li referenza għal liġi barranija titqies li tkun għal-liġi sostantiva tagħha, irrISPETTIVAMENT mir-rinviju li r-regola dwar il-kunflitt ta' liġijiet jagħmlu għal liġi oħra li ma tkunx il-liġi Spanjola. Dan jimplika li jkun aċċettat biss rinviju tal-ewwel grad.

Rinviju tat-tieni grad mhux permess ħlief fil-każ ta' kambjali, ċekkijiet u ċedoli, fir-rigward tal-kapaċità biex wieħed jidħol għal obbligi ta' dan it-tip.

Meta jkunu applikabbli Regolament tal-UE jew Konvenzjoni Internazzjonali, japplikaw ir-regoli speċjali ta' dawn l-istrumenti relatati mar-rinviju.

### 2.3 Bidla f'element ta' konnessjoni

Fil-liġi Spanjola, ma hemm l-ebda regola ġenerali għal każijiet ta' kunflitt ta' mobilità, jiġifieri bidliet fiċ-ċirkostanzi użati mir-regola dwar il-kunflitt ta' liġijiet bħala l-fattur ta' konnessjoni. L-Artikolu 9.1 tal-Kodiċi Ċivili, fir-rigward tal-età maġġuri, jgħid li bidla fil-fattur ta' konnessjoni ma taffettwax l-età maġġuri diġà miksuba. Il-kriterju huwa li titqies il-liġi li kienet applikabbli fil-mument meta nqalgħet is-sitwazzjoni legali anke jekk il-fattur ta' konnessjoni sussegwentement jinbidel.

Meta jkunu applikabbli Regolament tal-UE jew Konvenzjoni Internazzjonali, japplikaw ir-regoli speċjali relatati mal-kunflitt ta' mobilità.

### 2.4 Eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni normali tar-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet

L-Artikolu 12.3 tal-Kodiċi Ċivili jiddikjara li fl-ebda każ ma tista' tapplika liġi barranija li tkun tmur kontra l-ordni pubbliku. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-liġi barranija tiġi eskluża jekk twassal għal riżultat li jkun manifestament ksur tal-prinċipji bażiċi tal-liġi Spanjola. Prinċipji rikonoxxuti kostituzzjonalment jitqiesu li huma essenzjali.

### 2.5 Prova ta' liġi barranija

Il-kontenut u l-validità tal-liġi barranija jridu jiġu ppruvati mill-partijiet, u l-qorti tista' tivverifikaha b'kull mezz li tqis neċessarju għall-applikazzjoni tagħha. Is-sistema hija waħda mħallta, li tgħaqqad il-prinċipju ta' allegazzjonijiet u provi biss wara talba mill-parti bil-possibbiltà li l-qorti tikkoopera fit-twettiq tal-verifiki. F'każijiet eċċezzjonali meta l-kontenut tal-liġi barranija ma jkunx jista' jiġi ppruvat, tapplika l-liġi Spanjola.

## 3 Ir-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet

### 3.1 Obbligi kuntrattwali u atti legali

Il-kwistjoni tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali hija rregolata, f'termini ġenerali, mir-Regolament 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament "Ruma I"). Kawżi fejn ir-Regolament Ruma I ma jkunx applikabbli jiġu solvuti b'konformità mal-Artikolu 10.5 tal-Kodiċi Ċivili, li huwa bbażat fuq ir-rikonoxximent tal-libertà tal-għażla sakemm il-liġi applikabbli tkun magħżula espressament u li din il-liġi jkollha

xi rabta mal-materja kkonċernata. Fin-nuqqas ta' dan, tapplika l-liġi nazzjonali komuni għall-partijiet; fin-nuqqas ta' dan, il-liġi tar-residenza abitwali komuni tagħhom, u fl-aħħar istanza, il-liġi tal-post fejn ġie konkluż il-kuntratt.

### 3.2 Obbligi mhux kuntrattwali

Il-materja hija rregolata mir-Regolament (KE) 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 (Ruma II). F'materji relatati ma' inċidenti tat-traffiku u responsabilità tal-manifatturi, japplikaw ir-regoli ta' kunflitt li jinsabu fil-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1971 u tal-1973, rispettivament.

Materji li mhuma inklużi fl-ebda mid-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq huma koperti mill-Artikolu 10.9 tal-Kodiċi Ċivili, li skontu kawżi ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali huma rregolati mil-liġi tal-post fejn ikun ġara l-fatt li wassal għalihom. *Negotiorum gestio* bla awtorizzazzjoni huwa rregolat mil-liġi tal-post fejn l-aġent ikun wettaq l-attività prinċipali u l-arrikkiment indebitu huwa rregolat mil-liġi li t-trasferiment tal-valur tal-parti arrikkita sar skontha.

### 3.3 L-istat personali, l-aspetti tiegħu marbuta mal-istat ċivili (isem, domiċilju, kapaċità)

L-Artikolu 9 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li l-liġi applikabbli f'dawn il-materji tiġi ddeterminata min-nazzjonalità tal-persuni fiżiċi. Hemm dispożizzjonijiet li jikkonċernaw każijiet ta' nazzjonalità doppja u ta' nazzjonalità indeterminata. Ċittadinanza doppja tiġi ddeterminata skont jekk tkunx nazzjonalità doppja skont il-liġi Spanjola jew nazzjonalità doppja mhux prevista mil-liġi Spanjola. Jeżistu Trattati dwar nazzjonalità Doppja maċ-Ċili, mal-Perù, mal-Paragwaj, man-Nikaragwa, mal-Gwatemala, mal-Bolivja, mal-Ekwador, mal-Costa Rica, mal-Honduras, mar-Repubblika Dominicana, mal-Arġentina u mal-Kolombja. F'dawn il-każijiet japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-trattati internazzjonali; jekk ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni dwar dan, il-preferenza tingħata għan-nazzjonalità li tikkorrispondi mal-aħħar residenza abitwali u, fin-nuqqas ta' dan, l-aħħar nazzjonalità akkwiziċta. Jekk in-nazzjonalità doppja ma tkunx prevista mil-liġi Spanjola u waħda min-nazzjonalitajiet tkun dik Spanjola, din tiegħu l-preċedenza, għalkemm irid jiġi applikat il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità jekk iż-żewġ ċittadinanzi jkunu ta' pajjiżi tal-UE. Għal persuni ta' nazzjonalità indeterminata, tapplika l-liġi tal-post tar-residenza abitwali bħala l-liġi personali. Fil-każ ta' persuni apolidi, japplika l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' New York tat-28 ta' Settembru 1954, li skontu l-liġi applikabbli hija l-liġi tal-pajjiż ta' domiċilju tal-persuna apolida jew, fin-nuqqas ta' dan, il-liġi tal-pajjiż ta' residenza tagħha.

Il-liġi applikabbli għall-isem persuni fiżiċi hija rregolata mill-Ftehim ta' Munich tal-1980. L-ismijiet u l-kunjomijiet ta' persuni fiżiċi jiġu ddeterminati mil-liġi tal-Istat li l-persuna kkonċernata tkun ċittadin tiegħu.

### 3.4 Li tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal, inkluża l-adozzjoni

L-Artikolu 9.4 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li l-liġi applikabbli għad-determinazzjoni tal-filjazzjonijiet bijoloġiċi hija dik tar-residenza abitwali tal-minuri fil-mument li tiġi stabbilita r-relazzjoni. Fin-nuqqas ta' residenza abitwali tal-minuri, jew jekk din il-liġi ma tippermettix li tiġi stabbilita l-filjazzjoni, il-liġi applikabbli tkun il-liġi nazzjonali tal-minuri f'dak iż-żmien. Jekk din il-liġi ma tippermettix li tiġi stabbilita l-filjazzjoni jew il-minuri ma jkollux nazzjonalità, tapplika l-liġi sostantiva Spanjola.

Il-liġi applikabbli għall-adozzjoni hija rregolata minn regolament speċjali, il-Liġi 54/2007 dwar l-adozzjoni internazzjonali. L-Artikolu 18 ta' din il-Liġi jgħid li l-konklużjoni dwar adoxxjoni mill-awtorità kompetenti Spanjola tiġi rregolata mil-liġi sostantiva Spanjola meta l-adottat ikollu r-residenza permanenti tiegħu fi Spanja fil-mument tal-adoxxjoni jew ittiegħed jew ikun se jittiegħed Spanja għall-fini li jstabbilixxi residenza fi Spanja.

Il-liġi applikabbli għall-kontenut tal-filjazzjoni, jew bijoloġika jew bl-adoxxjoni, u l-eżerċizzju tar-responsabilità tal-ġenituri jiġu ddeterminati skont il-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996. L-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni jistipula li l-eżerċizzju tar-responsabilità tal-ġenituri tiġi rregolat mil-Liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri.

### 3.5 Iż-żwieġ, koppji mhux miżżewġin/li jikkoabitaw, sħubijiet, divorzju, separazzjoni ġudizzjarja, obbligi ta' manteniment

Jeżistu regoli għaċ-ċelebrazzjoni u l-konsegwenzi taż-żwieġ. Fir-rigward tal-forma taċ-ċelebrazzjoni, il-Kodiċi Ċivili jgħid li tista' tiżżewweġ fi Spanja jew barra minn Spanja: 1) minn imħallef, sindku jew uffiċjal indikat mill-Kodiċi; 2) fil-forma reliġjuża prevista mil-liġi. Huwa jgħid ukoll li l-Ispanjoli jistgħu jiżżewwġu barra minn Spanja fil-forma stipulata mil-liġi tal-post fejn jiġi ċċelebrat iż-żwieġ. Jekk iż-żewġ partijiet ikunu barranin, jistgħu jiżżewwġu fi

Spanja skont l-istess dispożizzjonijiet għall-Ispanjoli jew skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi personali ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet. Il-kapaċità għaż-żwieġ u l-kunsens huma suġġetti għal-liġi nazzjonali ta' kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ (l-Artikolu 9.1 tal-Kodiċi Ċivili).

Skont l-Artikolu 9.2 tal-Kodiċi Ċivili, il-konsegwenzi taż-żwieġ huma rregolati mil-liġi nazzjonali komuni tal-miżżewġin fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Fin-nuqqas ta' liġi nazzjonali komuni, jkunu rregolati mil-liġi personali jew mir-residenza abitwali ta' kwalunkwe parti, magħżula minnhom it-tnejn f'att awtentiku eżegwit qabel ma jiġi ċċelebrat iż-żwieġ. Jekk din l-għażla ma tkunx saret, tapplika l-liġi tar-residenza abitwali komuni minnufih wara ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ u, fin-nuqqas ta' dan, il-liġi tal-post fejn ikun ġie ċċelebrat iż-żwieġ.

Is-separazzjoni ġudizzjarja u d-divorzju huma rregolati mir-Regolament 1259/2010, li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali (Ruma III). L-Artikolu 107.1 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li l-annullament taż-żwieġ huwa rregolat mil-liġi applikabbli għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni fid-dritt internazzjonali privat Spanjol għal koppji mhux miżżewġin (li fil-prinċipju jfisser li wieħed għandu jirrikorri għal analoġija).

L-obbligi ta' manteniment huma rregolati mill-Protokoll tal-Aja tal-2007 dwar liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment.

### 3.6 Reġimi matrimonjali dwar il-proprjetà

Id-dispożizzjoni li tirregola l-konsegwenzi taż-żwieġ (l-Artikolu 9.2 tal-Kodiċi Ċivili) tinkludi kemm il-konsegwenzi personali u kemm dawk li jaffettwaw il-proprjetà. Għalhekk tapplika l-liġi personali komuni tal-konjuġi fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ; fin-nuqqas ta' dan, tapplika l-liġi personali jew il-liġi tar-residenza abitwali ta' kwalunkwe parti, magħżula minnhom f'att awtentiku eżegwit qabel ma ġie ċċelebrat iż-żwieġ; jekk din l-għażla ma tkunx saret, il-liġi applikabbli tkun il-liġi tar-residenza abitwali komuni minnufih wara ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ u, fin-nuqqas ta' dan, il-liġi tal-post fejn ikun ġie ċċelebrat iż-żwieġ.

Kuntratti u ftehimiet li jistipulaw, jemendaw jew jissostitwixxu r-reġim tal-proprjetà matrimonjali jkunu validi jekk jikkonformaw jew mal-liġi li tirregola l-konsegwenzi taż-żwieġ jew mal-liġi tan-nazzjonalità jew il-liġi tar-residenza abitwali ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet fil-mument tal-eżekuzzjoni (l-Artikolu 9.3 tal-Kodiċi Ċivili).

### 3.7 Testmenti u s-suċċessjoni

Spanja tapplika d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 650/2012 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. Skont dan ir-Regolament, tapplika l-liġi tar-residenza abitwali tad-deċedut fil-mument ta' mewtu sakemm id-deċedut ma jkunx għażel il-liġi li tikkorrispondi man-nazzjonalità tiegħu bħala l-liġi applikabbli.

Il-forma tat-testmenti hija rregolata mill-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961.

### 3.8 Proprjetà reali

Skont l-Artikolu 101.1 tal-Kodiċi Ċivili, il-pussess, il-proprjetà u drittijiet oħrajn fuq proprjetà immobbli, kif ukoll il-pubbliċità tagħhom, huma rregolati mil-liġi tal-post fejn ikunu jinsabu. Dan japplika wkoll għal proprjetà mobbli. Għall-finijiet tal-kostituzzjoni jew taċ-ċessjoni ta' drittijiet fuq merkanzija fi tranżitu, dik il-merkanzija titqies li tinsab fil-post minn fejn telqet, sakemm l-ispeditur u l-konsenjatarju ma jkunux qablu espressament jew taċitament li jitqiesu li jinsabu fil-post tad-destinazzjoni. Bastimenti, inġenji tal-ajru u mezzi ta' trasport ferrovjarju, u d-drittijiet kollha stabbiliti fuqhom, huma suġġetti għal-liġi tal-Istat tal-bandiera jew tal-pajjiż ta' reġistrazzjoni. Vetturi bil-mutur u mezzi oħra ta' trasport bit-triq huma suġġetti għal-liġi tal-post fejn ikunu. Il-ħruġ ta' titoli huwa rregolat mil-liġi tal-post fejn jinħarġu.

### 3.9 Insolvenza

Każijiet mhux koperti mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment jiġu rregolati mil-Liġi dwar il-Falliment 22/2003 tad-9 ta' Lulju 2000. L-Artikolu 200 ta' din il-Liġi jgħid li bħala regola ġenerali, il-proċedimenti ta' insolvenza fi Spanja u l-effetti tagħhom, u l-proċeduri ta' twettiq u ta' konklużjoni ta' dawn il-proċeduri, huma rregolati mid-dritt Spanjol (il-Liġi 22/2003, tad-9 ta' Lulju 2003,

emendata bil-Liġi 9/2015 dwar miżuri urġenti fil-qasam tal-insolvenza (il-Gazzetta Uffiċjali tal-Gvern tas-26 ta' Mejju 2015)). Il-Liġi dwar il-Falliment fiha wkoll dispożizzjonijiet dwar id-dritt internazzjonali privat li jstabilixxu l-liġi applikabbli għall-bosta relazzjonijiet legali involuti fil-proċediment.

---

■ L-aħħar aġġornament: 08/12/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.